# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

### ILLUM it-Tlieta, 26 ta' Marzu, 2024.

**Kawża Nru. 19**

**Rik. Nru. 934/13JRM**

Wayne **GALEA**

vs

**WALSH'S LIMITED (C -76)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-30 ta' Settembru, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti: (a) issib li l-kumpannija mħarrka waħedha taħti għall-inċident li ġarrab fit-8 ta' Novembru, 2011, waqt li kien qiegħed jaħdem fil-fond "*Dar is-Sardinell*", f'numru ħamsa (5), Triq Ċaf Ċaf, fil-Madliena, limiti tan-Naxxar, ġid ta' wieħed mid-diretturi tal-istess kumpannija attriċi li magħha kien impjegat, u bis-saħħa ta' liema inċident huwa ġarrab debilità li ma tfieqx; (b) issib li d-danni li huwa ġarrab b'riżultat ta' dan l-inċident taħti għalihom biss il-kumpannija mħarrka; (ċ) tillikwida, jekk meħtieġ bil-ħatra ta' perit għal dan il-għan, id-danni li huwa ġarrab fl-imsemmi inċident; u (d) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas id-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet;

Rat id-digriet tagħha (diversament presjeduta) tal-25 ta' Ottubru, 2013, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat li b'ordni ta' surroga tas-16 ta' Jannar, 2014[1], li bih din il-kawża kienet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija mħarrka tas-17 ta' Marzu, 2014, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt. Ċaħdet li hija taħti b'xi mod għall-inċident u għaldaqstant m'għandha tagħmel tajjeb għall-ebda dannu. Qalet ukoll li l-inċident seħħ minħabba traskuraġni min-naħa tal-attur u n-nuqqas tiegħu li jsegwi proċeduri ta' prudenza fit-twettiq tax-xogħol li tqabbad jagħmel;

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Marzu, 2014[2], li bih ħatret lill-kirurgu ortopediku Carmel Sciberras bħala espert mediku biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attriċi;

Rat ir-rapport imressaq mill-perit mediku fit-2 ta' Mejju, 2014[3], u minnu maħluf kif imiss quddiem ir-Registratur fil-5 ta' Novembru, 2014;

Rat in-Nota tal-4 ta' Diċembru, 2014[4], li biha l-kumpanija mħarrka talbet il-ħatra ta' periti perizjuri;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Frar, 2017[5], li bih il-Qorti ddikjarat magħluqa l-istadju tal-provi u ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni tal-għeluq;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-digrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat*:**

[1] Paġ. 12 tal-proċess
[2] Paġ. 19 tal-proċess
[3] Paġġ. 26 sa 30 tal-proċess
[4] Paġ. 71 tal-proċess
[5] Paġ. 215 tal-proċess

Illi din hija azzjoni ta' danni wara korriment fuq il-post tax-xogħol. L-attur jaħdem bħala *handyman* mal-kumpannija mħarrka, u kellu inċident fejn korra waqt li kien tqabbad jaħdem f'dar ta' wieħed mid-diretturi tal-kumpannija mħarrka, meta rikeb fuq *goods lift* u ċeda bih. Huwa jgħid illi l-kumpannija mħarrka taħti għal dak li ġralu għaliex naqset li tgħarrfu bil-perikli marbuta mal-użu tal-lift u billi ma pprovditux b'ilbies jew tagħmir ta' sigurtà. Billi fl-inċident l-attur ġarrab ġrieħi li ma jgħaddux, huwa qiegħed jitlob il-kundanna tal-kumpannija mħarrka għall-ħtija ta' dak li għadda minnu u l-ħlas ta' kumpens għad-dannu mġarrab;

Illi għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka laqgħet billi qalet li hija ma taħtix għal dak li ġara lill-attur billi l-inċident seħħ minħabba nuqqas tiegħu;

Illi bħala fatti li joħorġu mill-atti jirriżulta li l-attur kien impjegat mill-kumpannija mħarrka bħala *handyman,* u beda bl-impieg tiegħu fis-17 ta' Ottubru, 2011[6], ftit wara li kien għalaq sittax-il (16) sena. Fit-8 ta' Novembru, 2011, intbagħat jaħdem f'dar fil-Madliena, ġid ta' wieħed mid-diretturi tal-kumpannija mħarrka. Waqt li kien għaddej bil-ħidma tiegħu, rikeb fuq *goods lift* u l-gumna tal-lift inqatgħet bih u sabbtitu 'l isfel u ġie fuq saqajh b'sabta[7]. Carol Calleja, sid id-dar fejn sar l-inċident, ħa lill-attur id-dar ftit ħin wara li seħħ l-inċident[8];

Illi l-għada tal-inċident l-attur iddaħħal l-isptar għal intervent kirurgiku minħabba l-ġrieħi li huwa ġarrab f'dahru[9]. Il-konsulent li rah u assistih sab li l-attur kien fattar ir-rukkell lumbari (L1)[10] u ċċertifika li l-attur kellu debilità ta' sitta fil-mija (6%)[11], fis-sinsla ta' dahru kompatibbli ma' waqgħa mill-għoli u tisbita;

Illi jirriżulta li l-lift kien jitħaddem bl-elettriku bl-għajnuna ta' *control* f'tarf ta' *wire* twil ("*remote*")[12], li wieħed kien iħaddem biex itella' u jniżżel il-lift. Il-lift kien wieħed miftuħ bla għatu, u fis-sura ta' parank ("*hoist*") jew xkaffa rettangolari għall-ġarr ta' tagħbija, b'injama wieqfa bħala bordura maħsuba biex iżżomm l-oġġetti li jitgħabbew fih milli jaqgħu għal isfel[13]. Il-lift kien jitla' u jinżel b'mod vertikali m'ogħla sular mil-livell tal-ġnien għall-bitħa fis-sular ta' taħt[14], u kien sar għall-użu ta' ġarr ta' pjanti, xkejjer tad-demel artifiċjali u ħwejjeġ oħra ta' ġardinaġġ li jintużaw

[6] Affidavit tiegħu f'paġ. 32 tal-proċess
[7] Dok. "AWG" f'paġġ. 32 – 3 tal-proċess
[8] Affidavit ta' Rita Galea, f'paġ. 70 tal-proċess
[9] Dokti "WG2" u "WG4", f'paġġ. 37 u 40 tal-proċess
[10] Xhieda tal-kirurgu Frederick Żammit Maempel f'paġġ. 157 – 8 tal-proċess
[11] Dokti. "A1" u "WG8" f'paġġ. 4 – 5 u 51 – 2 tal-proċess
[12] Ara Dok "WGE", f'paġ. 83 tal-proċess
[13] Dokti. "WGC" u "WGD" f'paġ. 83 tal-proċess
[14] Ara x-xhieda ta' Simon Stilton f'paġ. 198 tal-proċess

fil-ġnien tal-villa[15]. L-attur jgħid[16] li l-lift kien jitgħabba bi pjanti fi qsari u wkoll b'kaxex tal-inbejjed u spirti li sid id-dar kien iżomm fil-villa tiegħu u li mbagħad kien ibiegħhom fir-ristorant li kien imexxi. Huwa jgħid ukoll li kien l-imgħallem tiegħu Calleja, sid il-villa, li kien urih kif jitħaddem il-lift u li dakinhar tal-inċident kienet l-ewwel darba li rikeb fuq il-lift u kien fi ħsiebu jitla' 'l fuq lejn il-livell tal-ġnien ħalli ikun jista' jgħabbih b'xi xogħol li l-imgħallem qallu biex iniżżlu isfel[17];

Illi jirriżulta li fuq is-sit kien hemm tabella ta' twissija li tgħid biex ħadd ma kellu jirkeb fuq il-lift[18]. Hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar meta saret dik it-tabella u jekk kinitx fuq il-post dakinhar li seħħ l-inċident mertu tal-każ[19]. L-attur, min-naħa l-oħra, jgħid li dik it-tabella qatt ma raha qabel[20]. Qrib il-lift hemm ukoll taraġ[21], u kien wiesa' biżżejjed biex persuna titla' b'oġġetti f'idejha[22]. Dik inhar tal-inċident, l-attur rikeb fuq il-*goods lift*, biex jiffranka t-taraġ[23] u ma kien qed iġorr ebda oġġett f'idejh x'ħin il-lift ċeda bih[24];

Illi wara l-inċident, l-attur dam ma jidħol lura x-xogħol għal xi xhur, imma l-kumpannija mħarrka baqgħet tħallsu s-salarju sħiħ xorta waħda[25]. Għall-bidu ta' Mejju, 2012[26], l-attur bagħat jgħarraf lill-kumpannija mħarrka li kien f'qagħda li jerġa' jidħol lura għax-xogħol, kif kien ukoll irrikmandalu l-konsulent tiegħu wara li kien għadda żmien mill-intervent kirurġiku[27]. Għalkemm reġa' daħal lura għax-xogħol mal-kumpannija mħarrka, l-attur jgħid li ma felaħx jaħdem aktar minħabba l-uġigħ f'dahru u temm l-impjieg tiegħu fit-23 ta' Novembru, 2012[28];

Illi l-attur jgħid li rah Bord Mediku taħt il-liġi ta' sigurtà soċjali u ċċertifikah li baqa' jbati minn diżabilità u qatagħha li huwa eliġibbli għall-Pensjoni għall-Inkapaċità b'seħħ mis-26 ta' Mejju, 2012[29];

Illi fit-30 ta' Settembru, 2013, infetħet din il-kawża;

---

[15] Ara x-xhieda ta' Carol Calleja f'paġ. 78 tal-proċess, u ta' Victor Buġeja f'paġ. 176 tal-proċess
[16] Affidavit tiegħu f'paġ. 33 tal-proċess
[17] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami, f'paġ. 93 – 4 tal-proċess
[18] Ara x-xhieda ta' Victor Buġeja f'paġ. 178 tal-proċess
[19] Ara x-xhieda ta' Simon Stilton f'paġ. 192 tal-proċess
[20] Ara x-xhieda ta' l-attur f'paġ. 97 tal-proċess
[21] Ara Dok. "WGA" u Dok. "WGB" f'paġ. 83 tal-proċess
[22] Ara x-xhieda ta' Carol Calleja f'paġ. 78 u 91 tal-proċess
[23] Xhieda tal-attur fil-kontro-eżami f'paġ. 95 tal-proċess
[24] Ara x-xhieda ta' l-attur mogħtija fil-kontro-eżami f'paġġ. 95 – 6 tal-proċess
[25] Ara x-xhieda ta' Simon Stilton f'paġ. 193 tal-proċess, l-affidavit ta' l-attur f'paġ. 34 tal-proċess, Dok. "WG22" u Dok. "WG23" f'paġġ. 65-66 tal-proċess, kif ukoll x-xhieda ta' Carol Calleja f'paġ. 120 tal-proċess u Dok. "CC1" sa Dok. "CC2Y" f'paġġ. 121 sa 152 tal-proċess
[26] Dok "WG25", f'paġ. 68 tal-proċess
[27] Dok "WG24", f'paġ. 67 tal-proċess
[28] Ara Dok. "AWG" f'paġ. 34 tal-proċess u l-affidavit ta' Carol Calleja f'paġ.120 tal-proċess
[29] Dok "WG26", f'paġ. 69 tal-proċess

Illi l-espert mediku huwa tal-fehma illi l-attur ġarrab debilità ta' ħamsa fil-mija (5%)[30];

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ. Il-Qorti trid tistħarreġ dwar min kien ħati tal-inċident li fih korra l-attur u dan fid-dawl tal-eċċezzjonijiet mressqin mill-kumpannija attriċi, partikolarment dik li tgħid li l-inċident seħħ minħabba nuqqas tal-attur innifsu u li hi m'għandha ebda ħtija għal dak li ġralu;

Illi bħal f'kull każ ieħor ta' azzjoni mibnija fuq id-dannu u l-kumpens pretiż, l-ewwel stħarriġ li trid tagħmel il-Qorti huwa dak dwar x'ġara tassew fl-episodju in kwestjoni u x'rabta kellu ma' dak li għadda min għalih l-attur. B'dan il-mod, il-Qorti tkun f'qagħda li tagħmel il-kostatazzjonijiet tagħha dwar min jaħti għal dak li ġara u min irid jagħmel tajjeb għalih;

Illi huwa l-obbligu tal-attur li jġib provi tajba biżżejjed biex isostni l-każ tiegħu u l-korriment waħdu marbut max-xogħol li kien qiegħed jagħmel dak il-ħin ma jissarrafx, fih innifsu, fis-sejbien tal-ħtija ta' min kien qed iħaddmu. It-teżi waħdanija tal-attur hija li korra waqt li kien qiegħed jaħdem, waqt li kien qed jagħmel dak li tqabbad jagħmel, u li l-kumpannija mħarrka naqset li tgħarrfu li ma setax jirkeb il-lift li spiċċa ġġarraf bih;

Illi, min-naħa tagħha, il-kumpannija mħarrka tiddefendi l-każ tagħha fuq żewġ difiżi: l-ewwel waħda li l-inċident hu dovut għal kollox lill-imġiba irresponsabbli tal-attur; u t-tieni waħda, li ma taħti bl-ebda mod għal dak li seta' ġara lill-attur billi l-attur kien imwissi li l-lift kien maħsub biss sabiex jitgħabba b'oġġetti u mhux biex jirkbu n-nies;

Illi għal dak li jirrigwarda **l-kwistjoni tar-responsabbiltà** għal x'wassal għall-inċident u għall-korriment tal-attur, il-Qorti trid tistħarreġ sewwa x'joħroġ mill-atti tal-kawża fid-dawl kemm tal-pretensjonijiet tal-istess attur u wkoll tal-imsemmija difiżi mressqa mill-kumpannija mħarrka;

Illi d-duttrina tgħallem illi fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabiltà għall-għemil jew nuqqas ta' għemil tagħha[31]. B'żieda ma' dan, kull min iħaddem irid iwieġeb għall-

[30] Ara r-Rapport Mediku f'paġġ. 26 – 30 tal-proċess
[31] Art. 1031 tal-Kap 16

aġir mal-ħaddiem tiegħu[32], sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab b'idejh l-effetti tal-inċident;

Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa[33] u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem[34];

Illi huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni[35]. Fejn imbagħad, bħal f'dan il-każ, l-impjegat li jkorri ma jkunx għadu ilu żmien biżżejjed fl-impieg, l-imgħallem irid juri tajjeb biżżejjed li ta lil dak l-impjegat taħriġ tajjeb (magħdud ma' twissijiet) dwar kif imissu jwettaq ix-xogħol li tqabbad jagħmel. Dan ukoll jiddependi ħafna minn kemm ix-xogħol tal-impjegat ikun wieħed tekniku jew kumplikat jew jekk ikunx jitlob grad anqas ta' tħabbil ir-ras jew konċentrazzjoni tal-moħħ;

Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq[36], u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti[37] u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel[38]. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu

[32] Art. 1037 tal-Kap 16
[33] Art. 6(2) tal-Kap 424
[34] Art. 6(3) tal-Kap 424
[35] Kumm. JH **9.9.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***Godfrey Borġ vs George Wells et noe*** (mhix pubblikata)
[36] Art. 7(1) tal-Kap 424
[37] Art. 7(2) tal-Kap 424
[38] P.A. RCP **30.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd***

qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru[39];

Illi dan kollu juri li r-responsabbiltà tal-imgħallem m'hijiex waħda li tabilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "*strict liability*"). Għalkemm hija responsabbiltà li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[40], ma titlobx grad ogħla ta' responsabbiltà, u tista' saħansitra tixxejjen jekk kemm-il darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel[41];

Illi biex isir stħarriġ xieraq tad-dinamika dwar kif ikun seħħ inċident, jeħtieġ li l-Qorti tqis l-ambjent kollu tal-post tax-xogħol[42], jiġifieri mhux biss tal-makkinarju jew l-impjant li fuqu jew bih ikun qiegħed jitwettaq ix-xogħol magħżul, imma saħansitra l-mod kif ikun qed jitwettaq ix-xogħol u l-ambjent li fih il-ħaddiem involut ikun tqiegħed jaħdem mill-imgħallem tiegħu;

Illi l-fatt li l-attur kien tqabbad jaħdem f'dar privata u mhux f'xi impjant industrijali, ma jnaqqasx mis-siwi ta' dak li ngħad hawn fuq. Billi lant tax-xogħol ikun fiżikament maqtugħ minn sit industrijali u jkun hemm ċerta reħja, ma jġibx miegħu li t-twettiq ta' xogħol ma għandux ikun akkumpanjat mill-għoti ta' attenzjoni u għaqal xierqa kemm minn min qiegħed iħaddem u kif ukoll minn min qiegħed jaħdem;

Illi mhux kontestat illi dakinhar tal-inċident mertu tal-każ tal-lum, l-attur kien qed jagħmel dak li ġie mqabbad li jagħmel, jiġifieri xogħol ta' *handyman*. Tant hu hekk li l-inċident seħħ wara li ntalab jgħabbi l-lift biex iniżżilhom fis-sular ta' taħt u waqt jum ta' xogħol bħall-oħrajn, xejn aktar u xejn inqas. L-attur jgħid li kienet l-ewwel darba li rikeb fiżikament fuq il-lift kemm kien ilu jaħdem fil-villa tal-prinċipal tiegħu;

Illi, f'dan il-waqt, il-Qorti tqis li jixraq li tagħmel xi osservazzjonijiet dwar waħda mid-difiżi ewlenin tal-kumpannija mħarrka. Jiġifieri dik li biha trid li l-ħtija ta' dak li ġarrab l-attur kienet minħabba fl-imġiba tiegħu nnifsu. Fi kliem ieħor, il-kumpannija mħarrka qiegħda tressaq id-difiża tal-kontributorjetà tal-ħsara, li hija waħda mill-eċċezzjonijiet magħrufa fejn tidħol il-ħtija akwiljana. F'każ ta' kontributorjetà jgħodd l-artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili, li bis-saħħa tiegħu

---

[39] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.***
[40] Art. 1032(1) tal-Kap 16
[41] App. Ċiv. **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Ronald vs Polibon Construction Ltd.***
[42] App Ċiv. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Christian Buġeja vs Dr Gerald Montanaro Gauċi noe***

n-negliġenza tal-parti li tbati l-ħsara tnaqqas mir-responsabbilità tad-danneġġjant. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew sehem ieħor[43], u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti[44]. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjetà għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara[45]. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li *onus incumbit ei qui dixit*, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjetà tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;

Illi huwa mgħallem u aċċettat b'awtorità li biex tkun tgħodd dik ir-regola, irid jintwera li l-parti mġarrba (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju; (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja; u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilità tar-riskju li dieħla għalih[46]. Dawn l-elementi, marbutin u mħaddma flimkien, iservu biex jaqtgħu l-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-għemil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalità mill-għemil tal-parti l-oħra[47]. L-aspett tal-volontarjetà f'dak li tkun għażlet li tagħmel il-parti mġarrba huwa element partikolari li jiddistingwi dik l-imġiba minn waħda li tkun l-effett ta' att ta' ubbidjenza għal ordni ta' ħaddieħor[48];

Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjetà min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjetà fejn l-impjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, jew meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu[49]. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li *volenti non fit iniuria*;

---

43 App. Ċiv. **20.1.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Galdes vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.59**)
44 P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Onorato Buġeja vs Dennis Aġius***
45 Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **3.2.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Josef Farruġia vs Christopher Carabott et***; u App. Ċiv. **28.2.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Azzopardi vs Andrew Bird***
46 Ara s-sentenza riċensjuri P.A. RCP **31.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Żammit vs Maltapost p.l.c.*** (mhix appellata)
47 P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et*** (mhix appellata)
48 P.A. GCD **7.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Polidano vs Korporazzjoni Enemalta*** (mhix appellata)
49 Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Micallef et vs John Pisani et noe***

Illi kif ingħad f'ċirkostanzi oħrajn bħal dawn, "*Negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself*"[50];

Illi l-ewwel żewġ talbiet attriċi f'din il-kawża huma marbuta mal-argument illi l-kumpannija mħarrka ma kinitx rat li fuq il-lant tax-xogħol tiegħu ikun hemm fis-seħħ sistema tajjeb li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu, u kif ukoll li huwa ma kienx mgħarraf li ma setax jirkeb il-*goods lift* jew x'perikolu seta' jqiegħed ruħu fih li kieku għamel dan. Ressaq ukoll l-argument li l-lift ma kienx ċertifikat mill-awtoritajiet bħala wieħed li ma joħloqx periklu;

Illi, min-naħa l-oħra, il-kumpannija mħarrka twarrab dan kollu u tgħid li fuq is-sit kien hemm tabella li speċifikatament kienet twissi lill impjegati li l-lift huwa ntiż biss għal ġarr ta' oġġetti u mhux biex in-nies tirkeb fuqu. Dwar dan ressqet bi prova ritratt li juri avviż li kien jgħid hekk: "*LIFT FOR GOODS ONLY NO PERSONNEL*"[51]. Dan il-fatt huwa konfermat ukoll minn impjegat ieħor tal-kumpannija li jgħid li din kienet waħda minn diversi tabelli li kienu mwaħħlin imxerrda 'l hawn u 'l hinn ma' bnadi tal-villa[52]. Marbuta ma' dan, il-kumpannija tressaq ukoll l-argument li mill-binja tiegħu nnifsu l-lift kien juri li ma kienx maħsub biex persuna tirkeb fuqu u li l-għan li għalih tqiegħed fil-post u li għalih kellu jintuża kien biss biex wieħed jgħabbi fuqu u jġorr it-tagħbija minn fuq għal isfel skont kif meħtieġ;

Illi mill-provi mressqa u mill-konsiderazzjonijiet fuq imsemmija, il-Qorti tasal għall-fehma li l-kumpannija mħarrka ma taħti xejn għall-inċident li fih korra l-attur. Filwaqt illi huwa minnu li meta seħħ l-inċident, l-attur kien taħt l-età u kien għadu mqar xahar fl-ewwel impieg tiegħu (u għaldaqstant jista' jingħad li kellu nuqqas ta' esperjenza fuq il-lant tax-xogħol), min-naħa l-oħra, il-fatt nnifsu li l-lift kien fuq barra, miftuħ mingħajr ebda lqugħ, jixhed ċar li l-lift kien maħsub li jintuża biss għall-ġarr u t-tagħbija ta' oġġetti u mhux għall-użu tal-bniedem. Il-Qorti tkompli ssaħħaħ din il-fehma tagħha meta tqis li, qrib ħafna l-lift, kien hemm taraġ wiesa' li l-persuni setgħu jitilgħu u jinżlu minnu bla xkiel, kif fil-fatt l-attur innifsu xehed li kien jagħmel kull darba li ħaddmu f'kemm kien ilu jaħdem

---

[50] ***Froom vs Butcher*** CA QB 286 (**1976**) per Denning LJ
[51] Ara Dok. "WGG" f'paġ. 83 tal-proċess
[52] Ara x-xhieda ta' Victor Buġeja f'paġ. 178 tal-proċess

f'dik il-villa. Kif xehed ukoll, qatagħha li jirkeb il-lift meta dan kien isfel, sewwasew biex "jiffranka t-taraġ", u li dik kienet l-ewwel darba li rikbu. F'din iċ-ċirkostanza, il-Qorti tqis li l-inċident seħħ lejn l-aħħar tal-ġurnata xogħol qabel ma l-attur kien se' jerfa' biex imur lura d-dar u meta biex tela' għal-livell tal-ġnien ma kien qiegħed iġorr l-ebda tagħbija f'idejh[53];

Illi fid-dawl ta' dan kollu joħroġ ċar li l-Qorti tasal għall-fehma li dan kien inċident li nħalaq minn għażla ħielsa tal-attur innifsu u sforz nuqqas ta' ħsieb jew traskuraġni min-naħa tiegħu, u għaldaqstant b'mod li qata' r-rabta tal-kawżalità bejn ir-rabta tiegħu ta' impjegat u l-ħtija ta' min kien iħaddmu;

Illi dan iwassal lill-Qorti biex issib li t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-kumpannija mħarrka huma tajba u jistħoqqilhom jintlaqgħu, għalhekk tiċħad l-ewwel żewġ talbiet attriċi;

Illi ladarba t-tielet u r-raba' talbiet attriċi jiddependu mis-siwi tat-talbiet ta' qabilhom, il-Qorti wkoll sejra tiċħadhom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet** tal-kumpannija mħarrka u ssib li kien l-attur waħdu li jaħti għall-inċident mertu tal-każ;

**Tiċħad l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi** bħala mhix fondati fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad il-bqija tat-talbiet attriċi** billi dawn huma konsegwenzjali għat-talbiet ta' qabilhom; u

**Tordna** li l-**ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mill-attur.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

**26 ta' Marzu, 2024**

[53] Ara x-xhieda tal-attur fil-kontro-eżami f'paġġ. 95 – 6 tal-proċess